MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' April, 2008

Avviz Numru. 269/2006

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Ltd kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Andrew Grixti abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-ligi u l-istess Andrew Grixti.**

**Vs**

**Charles Pace**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjeta attrici pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-erbgha (4) ta’ Settembru 2006 fejn talbet li din il-Qorti, previa kull dikjarazzjoni ta’ responsabilita skond il-ligi, thallas lill-atturi s-somma totali ta’ elfejn hames mija u tmintax il-lira Maltin (LM2,518.00) jew somma ohra verjuri, ‘n kwantu ghall-ammont ta’ elfejn mitejn u tmienja u sittin Lira Maltin (LM2,268) jew somma ohra verjuri lis-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies

Limited noe, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur Andrew Grixti, ammont rapprezentanti *excess payment* minnu mhallas skond il-polza t'assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat tal-incident li sehh fid-dsatax (19) ta' Lulju 2003 gewwa Triq Alfredo Cachia Zammit, Zejtun meta b'ziemel illi kien fil-pussess u taht il-kontroll tieghu, b'nuqqas ta' hila, traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti, investa l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IG 143, proprjeta ta' l-attur Andrew Grixti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-tlettax (13) ta' Lulju 2006 u tal-Mandati Kawtelatorji li gew prezentati kontestwalment mar-rikors odjern u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-tlettax (13) ta' Lulju 2006, sad-data tal-hlas effetiv, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Charles Pace ghar-rikors ta' Fogg Insurance Agencies Limited et fejn espona s-segwenti:-

1. Preliminarjament l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti *ratione materie* billi din il-vertenza ghandha tigi deciza permezz t'arbitragg mandatarja.

2. Illi fil-mertu bla pegudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrci huma preskritti a tenur ta l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 u wkoll a tenur ta' l-Artikolu 688(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jirrileva huwa ma kienx b'ebda mod responsabbli ghal hsarat li garbet il-vettura numru ta' registrazzjoni IBG 143 fl-incident li allegatament sehh fid-dsatax (19) ta' Lulju 2003 gewwa iz-Zejtun, liema Danni, fi kwalunkwe kaz, huma ezagerati u li ghalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta attrici assikuratrici u t-talba taghha ghandha tigi respinta bl-ispejjes.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Illi nhar l-erbgha (4) ta' Frar 2008 dehru l-partijiet w ittrattaw l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u talbu lil din il-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza preliminari fuq din l-eccezzjoni t'inkompetenza *ratione materie.*

Rat in-nota ta' referenza ta' Charles Pace prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-hamsa (5) ta' Frar 2008 fejn, permezz ta' l-istess, ghamel rereferenza ghal parti A 1.2 (b) u ghall-Avviz Legali Numru 420 tas-sena 2004.

**Ikkunsidrat:-**

Illi l-konvenut qed ighid li s-socjeta attrici qatt ma messet fethet din il-kawza quddiem din il-Qorti u dan ghaliex, permezz tal-Avviz Legali fuq citat, il-legislatur ried, li dawn it-tip ta' kawza jigi decizi minn Arbitru.

Is-socjeta attrici invece issostni li l-Arbitragg Mandatarju huwa hemm ghall-kawzi li jittrattaw fuq incidenti awtomobilistici li sehhew bejn vetturi.

Il-*Fourth Schedule* dwar *Mandatory Arbitration* fil-parti A Artikolu 1.2 jipprovdi s-segwenti:-

*" **'Tilwimiet dwar it-traffiku ta' Vetturi bil-Mutur'**.*

*"Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghad-danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn:-*

*A. kollizjoni bejn vetturi, jew*
*B. hsara nvolontarja fil-proprjeta li tinvolvi l-vetturi, jew…"*

Minn ezami ta' din id-disposizzjoni tal-ligi sub inciz (a), jirrizulta bic-car b'mod manifest, li l-legislatur ried *ab initio,* li kull tilwima bejn vettura w ohra tigi trattata minn arbitragg u mhux gewwa Qorti.

Dwar it-tifsira ta' vettura, il-Qorti tghamel referenza ghat-tifsira moghtija fil-prejambolu tal-Kap 104 intitolat 'Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur

ghar-Riskji ta’ Terzi Persuni’ li jghid li vettura tal-mutur tfisser

“*Vettura mmexxija b’makna u qieghda jew tajba ghall-uzu fit-toroq, izda ma tikkomprendix steam traction engine jew steam trailer*.”

Naturalment, karozzin, ghalkemm b’erba’ roti, mhux inkluz f’din it-tifsira.

B’hekk, zgur li l-kwistjoni ‘n desamina ma jaqax taht dan is-sub artikolu.

Issa l-Qorti ghandha tara jekk it-tilwima odjerna taqax taht is-sub artikolu (b) u cioe ‘hsara involontarja fil proprjeta li tinvolvi l-vetturi’*.*

Minn ezami akkurat ta’ dan is-sub artikolu, jidher li donnu l-legislatur kien qieghed jikkontempla kaz fejn, per ezempju, vettura tibqa’ diehla f’xi parapet ta’ dar u tikkaguna hsara nvolontarja jew anke f’xi vettura pparkjata.

Madankollu, fejn il-kaz jittratta talba ta’ sid ta’ karettun, ghall-hsara li garrab minn vettura (diment li hu nvolontarju), wiehed jista facilment jinterpreta l-kaz li jaqa’ taht paragrafu (b) w ghalhekk irid isir arbitragg.

Pero x’jigri fejn is-sid tal-vettura jrid ifittex ghall-hsara li ikkaguna il-karettun?

Fil-fehma tal-Qorti, dan il-kaz ma jkunx kopert mill-ligi tal-arbitragg u trid issir kawza quddiem il-Qorti.

Dan ma tantx jghamel sens, ghaliex kieku kollox jiddependi fuq min intavola l-kawza.

Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti, fiz-zewg kazijiet (irrispettivament jekk il-kaz isirx mis-sid tal-karettun jew tal-vettura), ghandu jkun hemm gurisdizzjoni tal-Qorti. Dan ghaliex din il-ligi ghandha tinghata nterpretazzjoni restrittiva ‘n kwantu qieghda tillimita l-gurisdizzjoni tal-

Qorti u tipprovdi arbitragg anke fejn m'hemmx qbil bejn il-partijiet, w ghalhekk, f'kaz ta' kollizjoni, hu hiss bejn vetturi bil-mutur li tapplika regola t'arbitragg.

Kieku l-legislatur ried li kull tip ta' kollizjoni tkun soggetta ghall-Arbitragg Mandatarju, kien jghid '*kollizjoni*' u mhux "*kollizzjoni bejn vetturi".*

**Illi ghalhekk din il-Qorti qieghda, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, tichad l-eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li ghandha kompetenza sabiex tisma l-kaz hi stess w ghalhekk qed tiddiferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni.**

**L-ispejjes ta' din is-sentenza ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenut.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------